QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 4 TA' MEJJU 2001

Rikors Nru 2270/97DM

Leonard Falzon

vs

Raymond Schembri

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur fejn talab il-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas l-ammont ta' Lm150 (mija u hamsin Lira Maltin) rapprezentanti danni sofferti mil-attur fil-vettura tieghu wara incident awtomobilisitku li sehh fis-16 ta' Awisssu 1997 fl-3.45 pm f'Valletta Road, Zurrieq meta il-konvenut bi traskuragni u imperizja u nuqqas ta' osservanzza tar-regolamenti tat-traffiku meta l-konvenut kien qed issuq vettura nru EAF-459 u nvesta l-vettura misjuqa minn Kenneth Zammit numru CAS 858, propjeta tal-attur u kkagunalhu danni.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni, kif ukoll bl-ispejjes tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Raymond Schembri fejn eccepixxa:-

1 Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-Avviz ma garax tort tieghu, izda gara unikament tort u htija ta' Kenneth Zammit is-sewwieq tal-vettura numru CAS 858 propjeta tal-attur u dana billi huwa kien qed isuq b'mod l-aktar imprudenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trazzjoni tal-kawza.

2 Illi stante li dan l-incident ma' garax tort tal-eccipjenti, l-ebda amont ma' huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, liema danni f' kwalunkwe kaz huma ezagerati

3 Salve eccezzjonijiet ohra

Rat il-verbal tad-9 ta' Dicembru 2000 fejn Dr Louis Bianchi ghal-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta il- 'quantum' tad-danni .

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm ikkontesta t-talba attrici bin-nota tal-eccezzjonijiet, il-konvenut qatt ma deher ghal-kawza u ma pproduca ebda prova biex jirribatti dak li qed isosstni l-attur u x-xhieda minnhu prodotti.

Ikkonfortat mill-iskizz mghamul minn PS739 Michael Borg, Kenneth Zammit, is-sewwieq tal-vettura tal-attur, isosstni li meta gie biex fl-inkrocju idur lejn ix-xellug ghamel is-sinjali kollha opportuni izda, fil-mument meta gie biex idur fuq ix-xellug, il-konvenut ghazel li jipprova jissorpassah minn dik in-naha, b'rizultat li l-vetturi habtu.

Billi l-konvenut kien qed isuq wara l-imsemmi Zammit huwa kien obbligat li jzomm distanza ragjonevoli l-boghod u jkun attent ghal kull indikazzjoni ta bidla u ghal bidla effettiva fid-direzzjoni tal-vettura quddiemu. Fuq kollox il-konvenut kien prekluz milli jissorpassa l-vettura ta quddiemu minn fuq ix-xellug.

Ghal dawn il-motivi il-konvenut ghandhu jkun tenut risponsabbli unikament ghall-kollizzjoni 'de quo' u konsegwentement ikkundannat ihallas id-danni inkontestati li jammontaw ghas-somma mitluba ta LM150.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' Lm150 (mija u hamsin Lira Maltin) rapprezentanti danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu wara incident awtomobilisitku li sehh fis-16 ta' Awisssu 1997 fl-3.45 pm f'Valletta Road, Zurrieq meta il-konvenut bi traskuragni u imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku meta kien qed issuq vettura nru EAF-459 nvesta l-vettura misjuqa minn Kenneth Zammit numru CAS 858, propjeta tal-attur.

Inoltre tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-imghax legali b'effett mill-4 ta Novembru 1997.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep/Regciv17